MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## LINO FARRUGIA SACCO

Seduta ta' l-4 ta' Frar, 2013

Citazzjoni Numru. 895/2011

Andre` Cauchi
vs
Korwa Data & Co. Ltd. (C 19582) u
Walter Opitz (Detentur tal-passaport Germaniz bin-numru 2215060884)

Il-Qorti,

**A. RIKORS:**

Rat ir-rikors tar-rikorrent li bih espona:

1. Illi r-rikorrent huwa kreditur tas-socjeta` konvenuta Korwa Data & Co. Ltd. fis-somma ta' €17,717.73 (sbatax-il elf sebgha mija u sbatax euro u tlieta u sebghin cent) dovuta kwantu ghas-somma ta' €16,417.73 (sittax-il elf u erba' mija u sbatax euro u tlieta u sebghin cent) konsistenti f'pagi u *bonuses* dovuti a tenur tal-kuntratt ta' impieg datat 14 ta' Awissu 2002 (Dokument "A") u kwantu ghas-somma ta' €1,300 (elf u tlett mitt euro) rimbors dovut lir-rikorrenti wara li l-istess rikorrenti kien ta'

b'self dik is-somma lis-socjeta` konvenuta sabiex dik ta' l-ahhar tkun tista' tibbenefika mill-"Reduction of Interest and Fines" *Exemption Order* rilaxxjata mill-Ministru tal-Finanzi, l-Ekonomija u Investiment datata l-4 ta' Settembru 2009;

2. Illi permezz ta' kuntratt ta' self u kompro-vendita datata s-26 ta' Lulju 2010 fl-atti tan-Nutar Ruben Casingena (Dokument "B") is-socjeta` konvenuta bieghet il-fond 'Villa Saint Ignatus' li jinsab fi Triq G. Borg Pantalleresco, Birkirkara lill-hemm imsemmija kompraturi versu l-prezz ta' €372,700 (tlett mija u tnejn u sebghin elf u sebgha mitt euro);

3. Illi peress illi l-bejgh precitat ma setax isir minhabba l-mandat ta' inibizzjoni numru 79/2003 mahrug mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) fil-gurisdizzjoni superjuri taghha fl-ismijiet "Karl Wolfgang Lindenblatt vs Walter Opitz" il-kompraturi precitati kienu halsu bil-quddiem is-somma ta' €75,000 (hamsa u sebghin elf euro) lis-socjeta` venditrici, u liema somma effettivament giet uzata sabiex jinhareg, mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) fil-gurisdizzjoni superjuri taghha, id-debitu kontro mandat (numru 39/10) fl-ismijiet "Karl Wolfgang Lindenblatt vs Walter Opitz";

4. Illi ghalhekk is-socjeta` intimata *Korwa Data & Co. Ltd.* hija kreditrici tal-intimat Walter Opitz fil-precitata somma ta' €75,000, liema kreditu s-socjeta` intimata *Korwa Data & Co. Ltd.* naqset milli tigbor minghand l-intimat Walter Opitz;

5. Illi minhabba n-nuqqas s-socjeta` *Korwa Data & Co. Ltd.* r-rikorrent odjern qieghed igarrab pregudizzju fil-jedd tieghu li jigbor l-ammont hawn fuq imsemmi dovut lilu minghand l-istess is-socjeta` intimata *Korwa Data & Co. Ltd.*;

6. Illi ghalhekk ukoll ir-rikorrent ghandu dritt jezercita l-jeddijiet jew l-azzjonijiet kollha tad-debitur tieghu biex jithallas dak li jkollu jiehu (a tenur tal-artikolu 1143 tal-Kodici Civili - Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta) u b'hekk ghandu dritt jesigi l-pretensjoni tieghu kemm

minghand is-socjeta` intimata *Korwa Data & Co. Ltd.* kif ukoll minghand l-intimat Walter Opitz;

7. Illi ghalkemm interpellati sabiex ihallsu dak dovut, l-intimati baqghu ghal kollox inadempjenti.

Ir-rikorrent talab lill-Qorti:

1. Tikkundanna lill-intimati sabiex thallas is-somma €17,717.73 (sbatax-il elf seba' mija u sbatax euro u tlieta u sebghin cent) dovuta lir-rikorrent kwantu ghas-somma ta' €16,417.73 (sittax-il elf u erba' mija u sbatax euro u tlieta u sebghin cent) konsistenti f'pagi u *bonuses* dovuti a tenur tal-kuntratt ta' mpieg datat l-14 ta' Awissu 2002 (Dokument "A") u kwantu ghas-somma ta' €1,300 (elf u tlett mitt euro) rimbors dovut lir-rikorrenti wara li l-istess rikorrenti kien ta' b'self dik is-somma lis-socjeta` konvenuta sabiex dik ta' l-ahhar tkun tista' tibbenefika mill-"Reduction of Interest and Fines" *Exemption Order* rilaxxjata mill-Ministru tal-Finanzi, l-Ekonomija u Investiment datata l-4 ta' Settembru 2009.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet u b'rizerva ghal kull azzjoni ohra spettanti lir-rikorrent skond il-ligi.

Rat il-lista ta' xhieda u d-dokumenti prezentati mir-rikorrenti.

**B. PROVI:**

Rat li l-intimati debitament notifikati skond il-ligi ma pprezentawx risposta guramentata u baqghu kontumaci.

Xehed <u>Andre` Cauchi</u> li kkonferma li ghad ghandu jiehu l-ammont ta' €17,770 u li mid-data tal-prezentata tar-rikors guramentat ma sar ebda hlas mid-ditta intimata.

**C. KONKLUZJONIJIET:**

Illi ghalhekk fuq kontumacja ta' l-intimati, it-talba tar-rikorrenti tidher gustifikata u l-Qorti filwaqt li qed tilqaghha, tikkundanna lill-intimati sabiex ihallsu s-somma

€17,717.73 dovuta lir-rikorrent kwantu ghas-somma ta' €16,417.73 konsistenti f'pagi u *bonuses* dovuti a tenur tal-kuntratt ta' mpieg datat l-14 ta' Awissu, 2002 u kwantu ghas-somma ta' €1,300 rimbors dovut lir-rikorrenti wara li l-istess rikorrenti kien ta' b'self dik is-somma lis-socjeta` konvenuta sabiex dik ta' l-ahhar tkun tista' tibbenefika mill-"Reduction of Interest and Fines" *Exemption Order* rilaxxjata mill-Ministru tal-Finanzi, l-Ekonomija u Investiment datata l-4 ta' Settembru 2009.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet u b'rizerva ghal kull azzjoni ohra spettanti lir-rikorrent skond il-ligi kontra l-intimati.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------